**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Elton Taliana]**

**vs**

**Bjorn Sammut**

**Kumpilazzjoni Numru: 688/14**

**Illum, 9 ta' Ottubru, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Bjorn Sammut detentur tal-karta tal-identita` numru 141483M gie akkuzat talli nhar l-10 ta' Awwissu 2012 ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghodu (05.30) fi Triq Dun Karm, Birkirkara:-

1. B'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Clayton Mizzi;

2. Ill fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ghamel hsara involuntarja fuq serkin ghad-dannu ta' Clayton Mizzi;

3. Illi fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi saq vettura li ghandha numru ta' registrazzjoni BJO232 b'manjiera traskurata, negligenti u perikoluza.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat sbatax (17) ta' Novembru elfejn u erbatax (2014) li bih ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza kif ukoll ix-xhieda prodotti;

Illi din il-kawza tittratta fuq incident bejn vettura u serkin b'ziemel li fuqu kien riekeb ragel bl-isem ta' Clayton Mizzi u dan l-incident sar nhar l-ghaxra (10) ta' Awwissu elfejn u tnax (2012) fi Triq Dun Karm, Birkirkara. Minn dan l-incident wegga' s-sewwieq tas-serkin hekk kif iccertifikat minn Dr. Sayuru Dissanayake (Dok ET5) u mill-Professur tal-Ortopedija Ray Gatt.

Illi l-Qorti trid tippremetti li dawn il-proceduri kienu nieqsa minn hafna dettalji essenzjali sabiex jghinu lil din il-Qorti tasal ghal xi forma ta' htija. Illi dak li hu zgur hu li sar l-incident bejn il-vettura tal-imputat Bjorn Sammut bin-numru ta' registrazzjoni BJO 232 u s-serkin u li l-parte civile sofra griehi gravi minhabba dan l-incident u sofra diversi hsarat fis-serkin.

Ikkunsidrat li fi proceduri penali, l-*onus* tal-prova tistrieh fuq il-prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali, u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga.

L-awtur **<u>Manzini</u>** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (pg. 234 Vol III) jghid is-segwenti:

> *"Il cosi detto onero della prova, cioe' il carico di fornirla spetta a chi accusa-. onus probandi incumbit qui osservit."*

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq kredibilita' tax-xhieda, u cioe' fuq dak li ddeponew ix-xhieda tal-prosekuzzjoni waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-proceduri kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk qed issir referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Philip Zammit et</u>** u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-istess Qorti nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Peter Ebejer</u>**, il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Fil-fatt l-istess Qorti tal-Appell iccitat spjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **<u>Miller vs Minister of</u>**

**Pension** (1974 - 2 ALL ER 372) tal-espressjoni *proof beyond a reasonable doubt:*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."*

Illi tenut kont ta' x'intqal mill-Qrati nostrani u dawk esteri fuq dan ir-rigward u minghajr hafna dilungar ta' x'qalu x-xhieda individwali, irid jigi pprecizat illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni minn imkien ma hareg mill-liema parti kien gej il-parte civile. Kullma hareg mix-xhieda tieghu hu li kien fuq Triq Dun Karm fil-karreggjata tax-xellug u l-imputat xehed li anke' hu kien fuq il-karreggjata tax-xellug.

Ma hareg l-ebda dettall iehor mix-xhieda tal-parte civile li tista' tghin sabiex issir rikostruzzjoni tal-incident u sfortunatament skizz ma setax isir stante li l-vettura kellha ticcaqlaq sabiex l-imputat jghin lill-parte civile imur isib liz-ziemel.

Illi l-aktar verzjoni verosimili hi dik li ta' l-imputat fix-xhieda tieghu fejn jghid illi huwa kien fil-karreggjata ta' gewwa u f'xi hin qabad u hareg is-serkin minn triq sekondarja senjatament miz-zona ta' Ta' Paris u hemmhekk sar l-impatt.

Illi ghalhekk il-parte civile kellu juza aktar diligenza meta kien qed johrog fuq triq principali li jkun cert li ma jkunux gejjin l-ebda vetturi mit-triq principali qabel ma johrog f'din it-triq.

Illi ghal dawn il-motivi ma tistax issib htija kontra l-imputat **Bjorn Sammut** u konsegwentement tilliberah minn kull akkuza dedotta kontrih.

**Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**